



Brussell, 19 ta' Novembru 2018
(OR. en)

14411/18

SOC 715
EMPL 535
ECOFIN 1064
EDUC 430

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Rieżamijiet Tematiċi dwar l-'Aspetti Soċjali tad-Diġitalizzazzjoni'(KPS) u d- 'Diġitalizzazzjoni u r-Robotizzazzjoni tax-Xogħol' (EMCO) - Approvazzjoni tal-messaġġi konġunti ewlenin

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-messaġġi konġunti dwar is-suġġett ta' hawn fuq kif mibgħuta lill-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u lill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) bil-għan li jiġu approvati mill-Kunsill EPSCO fis-6 ta' Diċembru 2018.

Messaġġi Ewlenin mir-Rieżamijiet Tematiċi dwar l-'Aspetti Soċjali tad-Diġitalizzazzjoni'(KPS) u d-'Diġitalizzazzjoni u r-Robotizzazzjoni tax-Xogħol' (EMCO)

L-effetti kkombinati tal-progress teknoloġiku, il-bidla demografika u l-globalizzazzjoni qed jitransformaw il-ħajja moderna. Id-diġitalizzazzjoni li qed tiżdied, ir-robotizzazzjoni, u l-iżvilupp tal-ekonomija tal-pjattaforma diġitali qed iwasslu għal bidliet fis-suq tax-xogħol, b'implikazzjonijiet potenzjali sinifikanti għas-sistemi tal-protezzjoni soċjali. Dawn il-bidliet joffru opportunitajiet ta' xogħol ġodda u jistgħu jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali, iżda jgħolqu wkoll ċerti sfidi. Forom ta' xogħol u mudelli operattivi ġodda jistgħu jikkontestaw ir-relazzjonijiet tradizzjonali tal-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali.

F'Settembru 2017, bħala segwitu għall-ħidma preċedenti u bħala parti mill-prijoritajiet tal-Presidenza Awstrijaka tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-KPS kellu rieżami ddedikat dwar l-'Aspetti Soċjali tad-Diġitalizzazzjoni, b'enfasi fuq ix-xogħol fuq Pjattaforma', u l-EMCO ddiskuta s-suġġett tad-'Diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni tax-xogħol', b'enfasi partikolari fuq is-setturi tas-saħħa u l-kura.

Il-messaġġi ewlenin li ħarġu minn dawn id-diskussjonijiet huma dawn li ġejjin:

- Il-porzjon ta' ħaddiema f'forom ġodda ta' xogħol huwa mistenni jiżdied fis-snin li ġejjin. L-esperjenza sa issa tissuġġerixxi li l-evoluzzjoni teknoloġika ħolqot prodotti, swieq u impjiegi ġodda.
- Il-bidla teknoloġika tikkontribwixxi għat-titjib tas-sikurezza fuq ix-xogħol u l-kwalità tal-impjiegi billi trendi awtomatiċi kompiti li jagħmlu ħsara lis-saħħa u li huma tedjanti, kif ukoll billi tipprovdi aktar flessibbiltà. Madankollu, hija twassal ukoll biex jintilfu l-impjiegi f'ċerti setturi. Għaldaqstant, daww li qegħdin friskju li jgħidli l-impjieg tagħhom għandhom jingħataw l-għajnuna. Is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u s-sistemi tal-protezzjoni soċjali għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ lill-ħaddiema fit-transizzjonijiet tagħhom u biex jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali.
- Il-ħaddiema bi fteit kwalifiki għandhom aktar imnejn isofru mit-telf ta' impjiegi. Għalhekk it-titjib tal-ħiliet u l-kompetenzi huwa importanti sabiex tkun permessa parteċipazzjoni usa' fl-opportunitajiet offriti minn forom ġodda ta' xogħol u għall-promozzjoni ta' suq tax-xogħol inklużiv. Madankollu, il-miri msemija dwar it-tagħlim tul il-ħajja u t-titjib tal-ħiliet u t-tagħlim ta' ħiliet ġodda attwalment mhumieq qed jinkisbu. Il-politiki biex jgħidli l-opportunitajiet tal-iżvilupp tal-ħiliet għall-ħaddiema, li ma għandhom l-ebda aċċess għat-taħriġ, jew kapacià limitata biex jgħidli taħriġ barra l-ħinijiet tax-xogħol, saru urġenti aktar minn qatt qabel.

- Ir-robotizzazzjoni ma tinvolvi neċessarjament is-sostituzzjoni ta' impjiegi: hija tista' tfisser li l-impjiegi ma jintilfu iżda jkunu f'forma radikalment differenti. Dan jenfasizza l-hteġa ta' intelligence b'saħħha tas-suq tax-xogħol sabiex jinftehm u aħjar il-profilu tal-kompiti li qed jinbidlu. Sussegwentement, jeħtieġ li dan jikkontribwixxi għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħna, sabiex jiġi żgurat li l-forza tax-xogħol tagħna għandha s-sett it-tajjeb ta' ħiliet - b'enfasi partikolari fuq dawk li għandhom ftit kwalifiki. L-Istati Membri jistgħu wkoll iħarsu lejha approċċ aktar proattiv u preventiv tal-Politiki Attivi tas-Suq tax-Xogħol.
- Il-politika tista' tfittex b'mod proattiv li taffettwa l-użu u l-adozzjoni tat-teknoloġija. Hemm varjetà ta' fatturi li jaffettwaw jekk in-nies jaċċettawx jew jirrifjutawx il-bidla teknoloġija, u l-impatt u r-ritmu tal-bidla jistgħu jvarjaw ħafna. Għaldaqstant, jeħtieġ li dawk li jfasslu l-politiki juru benefiċċji tanġibbli tal-bidla u jippromwovu diskussjoni soċjetali usa' dwar id-diġitalizzazzjoni u r-robotizzazzjoni.
- Forom ġodda ta' impjiegi jistgħu joffru benefiċċji għal dawk involuti u għas-soċjetà inġenerali. Huma jistgħu jiffaċilitaw l-aċċess għas-suq tax-xogħol għal għadd ta' gruppi, fosthom persuni li tradizzjonalment kienu 'l bogħod mis-suq tax-xogħol, u b'hekk jikkontribwixxu għall-inklużjoni soċjali. Huma jistgħu joffru wkoll aktar flessibbiltà u opportunitajiet biex jitjieb il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Barra minn hekk, jistgħu jgħinu fl-isforzi biex jiġi indirizzat xogħol mhux iddikjarat.
- Fl-istess ħin, il-forom ġodda ta' impjiegi jistgħu jippreżentaw ukoll sfidi f'oqsma bħall-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-prekarjetà tax-xogħol, kif ukoll l-aċċess għall-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-protezzjoni soċjali, li jistgħu jwasslu biex tiżdied is-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol.
- L-Istati Membri, u meta rilevanti, is-sħab soċjali għandhom jieħdu passi sabiex jiżguraw li l-ħaddiema tal-pjattaforma ma jkollhomx żvantaġġ minħabba t-tip ta' impjeg tagħhom. Il-kundizzjonijiet ġusti tax-xogħol, il-pagi adegwati, l-organizzazzjoni tax-xogħol u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ħaddiema tal-pjattaforma għandhom ikunu objettivi. Fejn adegwat, kemm il-miżuri regolatorji kif ukoll dawk mhux regolatorji jeħtieġ jiġu kkunsidrati. Jeħtieġ li d-diversità kbira tal-pjattaforma tax-xogħol tiġi kkunsidrata meta jitfassal rispons għal politika, billi m'hemmx soluzzjoni waħda tajba għal kulħadd. Meta ma jkunx hemm relazzjoni tradizzjonali bejn min iħaddem u impjegat, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tar-rappreżentanza fid-djalogu soċjali.

- Kull meta meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jieħdu passi biex jiżguraw li l-ħaddiema jkollhom aċċess għal protezzjoni soċjali u inċentivi adegwati biex jipparteċipaw fis-sistemi tal-protezzjoni soċjali. Għal darba oħra, għandha tingħata kunsiderazzjoni kemm għall-miżuri regolatorji kif ukoll għal dawk mhux regolatorji.
- Il-fatturi ewlenin li jiddeterminaw l-aċċess għal ċerti tipi ta' impjiegi għall-protezzjoni soċjali huma relatati mal-istatus indipendenti jew mar-relazzjoni kuntrattwali bejn min iħaddem u l-impjegat. Ta' min jinnota li l-pjattaformi jvarjaw fil-mod kif jiddefinixxu r-relazzjonijiet ta' impjeg. F'dan il-kuntest, jista' jkun hemm bżonn li jiġu aġġustati l-liġijiet u r-regolamenti rilevanti, jekk l-oqfsa eżistenti ma jkunux adegwati.
- Impjiegi indipendenti fittizji jeħtieġ jiġu indirizzati, b'kont meħud jekk il-ħaddiema humiex ġenwinament indipendenti jew le. Jista' jkun meħtieġ li jiġu żviluppati jew irfinati modi biex jiġu intraċċati t-transazzjonijiet u d-dħul relatat max-xogħol ta' ħaddiema tal-pjattaforma u ħaddiema atipiċi oħra sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tas-sistemi nazzjonali tal-protezzjoni soċjali, u biex, fejn possibbli, tiġi indirizzata l-kompetizzjoni inġusta bejn il-kumpanniji li jikkontribwixxu għall-protezzjoni soċjali u dawk li ma jikkontribwixxux għaliha.
- L-impatt tal-użu tal-intelligence artiċjali (IA) fuq l-inklużività tas-suq tax-xogħol hija kwistjoni li tista' teħtieġ kunsiderazzjoni minn għadd ta' angoli: għadd ta' Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) diġà jużaw it-tagħlim awtomatiku biex jgħinu fl-adattament għas-suq tax-xogħol; xi pjattaformi jużaw klassifikazzjonijiet u algoritmi (li jista' jkollhom preferenza integrata) biex jallokaw ix-xogħol. Dawn l-iżviluppi jistgħu jqajmu kwistjonijiet relatati, pereżempju, mal-privatezza jew id-diskriminazzjoni.
- Bl-istess mod, l-użu li qed jiżdied tar-robots f'setturi bħas-settur tas-saħħa u l-kura jeħtieġ governanza b'saħħitha sabiex jiġġestixxi r-riskji u jiżgura sigurtà għal dawk li jaħdmu bir-robots u jinteraġixxu magħhom.
- Minħabba n-natura transkonfinali potenzjali tax-xogħol tal-pjattaforma, il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni hija importanti. Din tista' tkun ta' għajjnuna f'diversi oqsma, pereżempju t-trasferibbiltà tad-drittijiet soċjali bejn il-fruntieri u r-regoli dwar il-leġislazzjoni applikabbli. Il-kooperazzjoni mal-pjattaformi bbażati barra l-Unjoni Ewropea hija wkoll aspett importanti li għandu jiġi kkunsidrat. L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-esperjenzi u l-prattiki tajbin.

- It-tfassil ta' kull rispons politiku adegwat għandu jkun appoġġat minn evidenza tajba, data komparabbli u konsistenti, b'mod partikolari fir-rigward tax-xogħol tal-pjattaforma. Is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra għandhom ikunu inklużi fit-tfassil u l-monitoraġġ ta' rispons politiku adegwat.
-